MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Numru. 148/2014

**Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**ABIGAIL COLOMBO**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **ABIGAIL COLOMBO** ta' 21 sena, bint Christopher u Maria Dolores nee' Saliba mwielda Pieta' fl-24 ta' Ottubru, 1992 u residenti 130,'Merhba Bik', Triq Birbal, Balzan, detentrici tal-karta tal-identita' numru 497792(M) giet imressqa quddiemha u akkuzata talli fl-14 ta' Novembru, 2013 ghall-habta ta' 9.15pm gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun (1) iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva, reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-Artikolu 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputata mmarkat bhala Dok. CSH, il-fedina penali netta tal-imputata mmarkata bhala Dok. CSH1, il-kunsens tal-Avukat Generali moghti llum 19 ta' Gunju, 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. CSH2, l-okkorrenza u ittra mibghuta minn Dr. Luciano Busuttil.

Rat l-affidavit ta’ **WPS 224 S. Mifsud** li jinsab a fol. 2 tal-process fejn iddikjarat illi nhar it-tmintax (18) ta’ Novembru, 2013 ghall-habta ta’ 21:10hrs waqt li hija kienet xoghol l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun Vella Jonathan ID: 0216882(M) irraporta li r-rapport li sar mill-ex siehba tieghu Abigail Colombo nhar l-erbatax (14) ta’ Novembru, 2013 gewwa l-Ghassa l-Hamrun kien rapport falz u cioe’ bin-numru 7/P/3885/2013 fejn stqarret li Jonathan Vella kien qed isegwiha peress li kienet qed tarah lejn il-Qalb ta’ Gesu’, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera ta’ spiss fejn stqarret ukoll li kien qed icemplilha madwar erba’ (4) darbiet kuljum u jistaqsiha fejn tinsab u meta tghidulu li tkun go post huwa jghidilha li mhux vera u jghidilha fejn tkun tinsab fil-verita’. Hija stqarret li dan l-attegjament ta’ Jonathan Vella kien qed idejjaqha fejn ziedet tghid ukoll li hi ghandha hajjitha u li Jonathan Vella ghandu biss ikellimha u jistaqsiha rigward uliedhom il-minuri biss. Fejn hija kompliet tghid li ilu jsegwiha din l-ahhar gimgha.

Jonathan Vella zied jghid li mhux minnu li kien qed isegwiha fejn meta jcemplilha kien isaqsiha fejn kienu jinsabu uliedu sabiex hu jserrah mohhu fejn kompla jghid li hu ghandu dritt ikun jaf fejn ikunu uliedu fejn qed jitlob ghall-provi fejn kienet qed tarah Abigail Colombo.

Abigail Colombo ID: 497792(M) giet mitkellma fejn stqarret li minn naha taghha kellha l-provi li kien qed isegwiha fejn giet infurmata li kienu ser jinhargu l-akkuzi fil-konfront taghha.

Il-Qorti semghet lill-imputata tiddikjara fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2014 illi hija kienet lesta li ma timmolestax u ma tingurjax lil Jonathan Vella missier iz-zewg ulied minuri taghha.

Semghat lil Dr Stefano Filletti jiddikjara fl-awla fis-seduta tad-19 ta’ Gunju 2014 illi l-patrocinat tieghu l-parte Civile Jonathan Vella kien qed jahfer lill-imputata ta’ ghemilha u in vista tal-fatt li l-imputata tigi omm iz-zewg minuri tieghu huwa xtaq li ma jixhidx f’dawn il-proceduri. Il-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara f’din l-istess seduta illi hija bazat l-akkuzi odjerni proprju fuq ir-rapport li ghamel Jonathan Vella u m’ghandhiex xhieda ohra xi tressaq in sostenn tal-akkuzi taghha.

Il-Qorti rat il-parentela u tilqa’ t-talba tal-kwerelant Jonathan Vella biex ma jixhidx f’dawn il-proceduri.

**Ghaldaqstant il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe’ l-Artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputata ABIGAIL COLOMBO hatja ta’ din l-akkuza u tilliberaha minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------